TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 294/13-F

**Joseph Bugeja**
**vs**
**SMS Mondial Limited**

Illum 27 ta' Mejju, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-20 ta' Diċembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' sitt mitt ewro (€600), rappreżentanti vjaġġ ma' Costa Cruises, fejn waqt dan il-vjaġġ kienu qed jiġu disturbati minn storbju kontinwu għal ġimgħa sħiħa, liema storbju kien ġej mill-kċina li kienet allokata fuq il-kabina tagħhom.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huma kienu ibbukjaw *cruise* fuq Costa Cruises, fejn għal ġimgħa sħiħa, bejn il-ħdax ta' filgħaxija u l-ħamsa ta' filgħodu, tant kien ikun hemm storbju ġej minn fuq, jiġifieri minn ġol-kċina li kienet allokata fuq il-kabina tagħhom, illi minkejja li lmentaw, ma setgħu jagħmlu xejn.

L-intimat issottometta illi f'din il-kabina qatt ma kellhom ilmenti minn passiġġieri oħra, u li ta' Costa Cruises offrew skont ta' ħamsin ewro (€50) kull persuna fuq xi *cruise* ieħor mingħajr preġudizzju.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jikkonsidra li huwa vera inkonvenjent illi tmur fuq *cruise* biex tistrieħ u ma tkunx tista' torqod minħabba l-istorbju li jkun ġej minn fuqek, għalkemm wieħed jista' jgħid illi ftit storbju għandu jkun aċċettabbli, pero' l-istorbju kontinwu ta' kull filgħaxija mhuwiex aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**